MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 670/2007

**Talba Nru: 670/07VGD**

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Alexander Borg (Id. 163386M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mija, u tmienja u hamsin lira Maltin u sitt centezmi (Lm158.06) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma mobile phone bin-numru

99827995, li minkejja li gie interpellat diversi drabi, baqa inadempjenti. Bl-ispejjes, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-ittra ufficcjali numerata 500/07, u bl-imghax mill-1 ta’ Awissu 2005 meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u tmienja u sittin Ewro u tmintax il-centezmu (€368.18), ekwivalenti ghal mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sitt centezmi (Lm158.06), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------